**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 25 ta' Frar, 2016**

Numru 6

**Rikors Nru. 1108/2015**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Ivan Cortis u Sango Dolores**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank attur tat-23 ta' Novembru 2015 li jghid hekk:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat 27 ta' Mejju 2003 (Dok. HSBC1 hawn anness), rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficcjali datata 16 ta' Frar 2010 (Dok. HSBC2), l-intimati gew konfermati debituri tal-Bank rikorrent fis-somma ta' disgha u sittin elf seba' mija disgha u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€69,789.12) oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mit-3 ta' Frar 2010 sad-data tal-hlas effettiv;

Illi ghalkemm saru xi pagamenti l-intimati baqghu debituri tas-socjeta rikorrenti;

Illi ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess ittra ufficjali u s-socjeta rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tas-socjeta intimata ghall-bilanc li ghadu dovut;

Ghaldastant is-socjeta rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi

stante li ghaddew izjed minn tlett snin u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun qieghed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Rat li l-konvenut hu debitament notifikat;

Rat li l-intimata irremettiet ruhha ghall-atti;

Semghet lil-avukat tal-bank rikorrenti li ddikjara li l-pozizzjoni tal-bank ghadha l-istess u ma nbidlitx mindu gie prezentat ir-rikors;

Billi mil-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors hi skond il-ligi;

Tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur